# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2001**

**Numru 6**

**Cit. Nru. 38/2000 GCD**

**E. Grech Cristal Baths Ltd.**

**Vs**

**Joseph Sammut u Anthony Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' elf mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm1,148) liema somma tirrapprezenta l-prezz ta' madum u materjal iehor li forniet is-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata, il-konvenuti xorta baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jgibu ghat-talba ghall-hlas tas-socjeta` attrici;

U illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta` attrici tipprocedi kontra l-konvenuti bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-artikolu 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta''Malta; u

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' elf u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm1,148);

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Emanuel Grech u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat in-nota ipprezentata llum li biha l-attrici cediet il-kawza safejn maghmula kontra Anthony Spiteri;

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut Sammut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, dan il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut Joseph Sammut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kontra Joseph  Sammut, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm